# TRIBUNAL  INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU.  2213

Każ Nru 2974/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Noel (Emanuel) Celeste

u

Jeamik Lifts Ltd

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 13 ta' Marzu 2013

**Chairman:  Franco  Masini**

**1.  Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie ntavolat permezz ta' Rikors tat-28 ta' Novembru 2011 magħmul mill-Avv Josianne Cardona Gatt f'isem Noel (Emanuel) Celeste fejn ġie allegat li fl-4 ta' Awwissu 2011  dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Jeamik Lifts Limited. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Johann Azzopardi, *Managing Director*, assistit mill-Avv Daniela Cassar, tiċħad dan.  Inżammu tmien seduti.

A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 it-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jisma' u jaqta' il-każ fiż-żmien preskritt peress li intalab differiment pjuttost twil minn waħda mill-partijiet għal raġuni li t-Tribunal ikkonsidra xierqa.

## 2. Fatti tal-Każ

Ir-Rikorrent waqt il-qadi ta' dmirijietu korra fis-16 ta' Novembru 2010 u sofra konsegwenzi li baqgħu itulu xi ftit. Hareġ fuq *injury leave* u kien soġġett għal eżami mediku quddiem l-*Industrial Injuries Board* tas-Sigurtà Soċjali diversi drabi fejn ġie ċertifikat li ma kienx tajjeb għax-xogħol. Difatti ġew esibiti rapporti ta' dan il-*Board* mis-Soċjetà stess fis-seduta tad-29 ta' Frar 2012. Dawn ir-rapporti kienu hekk: (1) Datat 21 ta' Jannar 2011 li sabitu **mhux tajjeb** għax-xogħol għall-erbgħa ġimgħat oħra, (2) Datat 18 ta' Frar 2011 li sabitu **mhux tajjeb** għax xogħol għal sitt ġimgħat oħra, (3) Datat 5 ta' April 2011 li sabitu **tajjeb** għax-xogħol mill-4 ta' April 2012, (4) Datat l-1 ta' Awwissu 2011 li sabitu **mhux tajjeb** għax-xogħol għal 12 il-gimgħa oħra, (5) Datat 24 ta' Ottubru 2011 li sabitu **mhux tajjeb** għax-xogħol għal sitt ġimgħat oħra. Ir-Rikorrent jgħid li għad irid ikollu intervent kirurġiku ieħor u qiegħed fuq il-*waiting list.* Mill-banda l-oħra s-Soċjetà Intimata tgħid li fil-fatt ir-Rikorrent barra l-inċident li sofra waqt il-qadi ta' dmirijietu kellu inċident ieħor li ma kellu xejn x'jaqsam ma' dak li kkawżalu il-korriment. Jidher li r-Rikorrent kien waqa' u dana forsi kellu xi effett fuq l-istat li kien fih iżda dan ġara barra mill-post tax-xogħol tiegħu u mhux waqt il-qadi ta' dmirijietu. Tgħid ukoll li għal xhur sħaħ ippruvat tikkuntattja lir-Rikorrent mingħajr suċċess u huwa qatt ma ikkuntattja lill-istess Soċjetà waqt dawk ix-xhur. Għaldaqstant ma kelliex triq oħra ħlief li titterminalu l-impieg tiegħu li fil-fatt jidher li kien huwa stess li abbandunah.

## 3. Kunsiderazzjonijiet

Ir-Rikorrent sofra korriment waqt il-qadi ta' dmirijietu u fuq dan jaqblu ż-żewġ partijiet. Meta ġara dan skattaw il-provvedimenti tal-Artikolu 36(15) tal-Kap 452 li jirregola x'jiġri f'każi simili. Bażikament l-impjegat li jsofri korriment waqt il-qadi ta' dmirijietu huwa intitolat għal sena paga. Mela r-Rikorrent kien *prima facie* intitolat għal sena paga li tibda tiddekorri mill-ġurnata li fiha safa' korrut. F'dan il-każ jidher li waqt dan il-perijodu huwa waqa' u kompla jippeġġjoraha s-sitwazzjoni tiegħu. Dana forsi jindika r-rapport datat 5 ta' April 2011 fejn il-*Board* sabitu tajjeb għax-xogħol waqt li l-*Boards* ta' wara komplew jindikaw li ma kienx tajjeb għax-xogħol. Fil-fatt huwa kien ippreżenta ċertifikat mediku dak iż-żmien li l-*Board* qalet li kien tajjeb għax-xogħol. Jidher ukoll illi f'xi żmien ir-Rikorrent fittex li jaħdem fuq *light duties* iżda s-Soċjetà ma setatx takkomodah. Irid jingħad ukoll li ma ntweritx l-ebda prova li dan kien għamel it-talba tiegħu bil-miktub kif jesiġi l-artikolu 36(16) tal-Kap 452. Għat-Tribunal il-fatt li reġa kellu inċident li affettwa b'xi mod il-kundizzjoni ġa prekarja tar-Rikorrent ma għandux inaqqas mid-dritt tiegħu li jkollu xi forma ta' kumpens għall-korriment oriġinali tiegħu li hu sofra waqt li kien jaħdem. Għad li s-Soċjetà Intimata tgħid li tilfet kull kuntatt miegħu għal diversi xhur jidher li xorta baqgħet tirċievi rapporti tal-*Industrial Injuries Board* għax fil-fatt hija ppreżentat ir-rapporti tagħha waqt is-seduta tad-29 ta' Frar 2012 (Dok JA1b,c,d,e,f) peress li dawn kienu mibgħutin lilha mis-Sugurtà Soċjali.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal isib li r-Rikorrent Noel (Emanuel) Celeste kien liċenzjat mis-Soċjetà Jeamik Lifts Limited waqt perijodu ta' inkapaċità kawżat minn inċident soffert waqt li kien qed jaqdi dmirijietu u qabel ma kien iddekorra il-perijodu ta' tnax il-xahar, għaldaqstant huwa ġie liċenzjat illegalment.

**5. Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lir-Rikorrent Noel (Emanuel) Celeste mis-Soċjetà Intimata Jeamik Lifts Limited fl-ammont ta' sena paga. Minn din is-somma iridu jitnaqqsu (1) il-pagamenti kollha li saru lir-Rikorrent mis-16 ta' Novembru 2010, u (2) is-somma kollha mħallsa, jekk fil-fatt saret, lir-Rikorrent mis-Sigurtà Soċjali waqt it-tnax il-xahar mis-16 ta' Novembru 2010 in konnessjoni mal-korriment tiegħu. Dan il-kumpens nett irid jitħallas mhux iktar tard mill-15 ta' April 2013.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**6. Drittijiet**

Ai termini ta' l-Avviż Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet dovuti lil kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera Kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju